# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 8 ta’ 2021, miżmuma nhar it-30 ta’ Awwissu 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

---

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Anton Mifsud | | | President |
| Paul Vella | Mġarr LC | (online) | Viċi President |
| Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online 20:00 hrs) | Membru |
| John Buttigieg | Mellieha LC | (online) | Membru |
| A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| Matthew Chetcuti | Rabat LC | | Member |
| Raymond Schembri | Dingli LC | | Membru |
| Romilda B. Zarb | Mosta LC | | Membru |
| Abraham Aquilina | Għargħur LC | | Membru |
| Peter Sant Manduca | Mdina LC | (19:20 hrs) | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| Omar el Arab | Pembroke LC | Membru Delegat |
| Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

8.3 Komunikazzjoni tal-President;

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

8.5 Kumunikazjoni

8.6 Rapporti;

- 8.6.1 Approvar tar-rapport finanzjur uditjat
- 8.6.2 Approvar tar-rapport tat-tmexxja ghat tieni tlett xhur tas sena

8.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

- 8.7.1 Book Launch
- 8.7.2 Festival Baned u Nar
- 8.7.3 Street Sport festival
- 8.7.4 Education Proposal – Idea Academy
- 8.7.5 Equality for All in Malta Project
- 8.7.6 AED, CCTV
- 8.7.7 Stedina lil Kunsilli li ser jingħadu mar-Regjun

8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18:45hrs. Is-Sur Mifsud fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Omar El Arab u Mary Ann Abela kienu assenti. Is-Sinjur Daryl Connor kien skużat.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 7 ta' 2021, miżmuma f'Lulju, ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Raymond Schembri issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma mill-minuti:



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Komunikazzjoni mil-President

Applikazzjoni tal-Fondi tal-Lesa – CCTV. Il-President informa lill-Membri li reġa' talab lill-AKL tiddiskuti din it talba, u jerġa' jittieħed vot. Huwa qal li din ser terġa' tittella' għall-laqgħa tal-AKL.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romilda B Zarb proponiet li titwaqqaf il-laqgħa biex jitkellem Dr Silvio Debono. Il-membri qablu.

Il-laqgħa nfetħet fit-19:45hrs. Il-membri ddiskutew il-proposta ta' Dr Debono u qablu li r-Reġjun m'għandux ikun involut.

## – Komunikazzjoni

Is-SE ippreżenta r-risposta tas-Segretarju tal Ministru Aaron Farrugia. Is-SE intalab mis-Sinjura Romilda B Zarb jorganizza laqgħa mas-Sur Bilocca u ssir site visit il-Magħtab. Il-President ser jitlob lill-Ministru Farrugia jkun preżenti.

Marigold Foundation – għoriet l-interess li r-Reġjun jorganizza attivita' b'risq il-Marigold Foundation. Paul Vella issuġġerixxa mixja mal-Victoria Lines hekk kif kien pjanat għas-sena l-oħra għat-23 ta' Settembru. Anton Mifsud qabel u talab lis-SE jikkomunika mal-Marigold Foundation. Semma' ukoll li l-uffiċċju tal-President jixtieq jorganizza attivita' ukoll, u talbu jikkomunikaw magħhom.

## – Rapporti

Is-SE talab li titwaqqaf il-laqgħa sabiex ikun diskuss il-financial statement awditjat. Paul Vella ippropona u Romilda B Zarb issekondat, li titwaqqaf il-laqgħa. Il-membri qablu.

19:20 hrs reġgħet infetħet il-laqgħa.
Anton Mifsud, issekondat minn Raymond Schembri u Romilda B Zarb, ippropona li l-management accounts t' April sa Ġunju ikunu approvati. Il-membri qablu unanimament.

Abraham Aquilina ssekondat minn Paul Vella, ppropona li l-audited financial report ikun approvat. Il-membri qablu unanimament.

## – Affarijiet oħra

Book Launch – Is-SE intalab jistieden lil-President ta' Malta għall-book launch. Il-membri iddiskutew li l-qliegħ tal-kotba għandu jmur għall-karita. Jekk ma jattendix il-President, dawn għandhom imorru jew lil Puttinu Cares jew lid-Dar tal-Providenza jew lit-tnejn. Jekk jattendi l-President, imorru għal-MCCF. Anton Mifsud ippropona u Romilda B Zarb issekondat li l-parteċipanti jingħataw 50 ewro bħala kumpens żgħir. Il-membri qablu.

Festival Baned u Nar. Il-membri tkellmu fuq dan il-festival. Anton Mifsud ippropona li bħala Reġjun ikun provdut trasport mill-Kunsilli għall-post fejn hemm l-attivita'. Il-membri qablu mal-proposta u talbu lis-SE jaħdem fuq din il-proposta.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Armar tat-Toroq għall-Milied. Saret diskussjoni, u s-SE intalab jara hemmx gruppi tal-armar tal-festi nteressati jżejnu għall-Milied.

Stedina għall-Kunsilli l-ġodda biex jattendu l-laqgħat bħala osservaturi. Is-SE issuġġerixxa lill-Membri biex jibdew jistiednu lit-tliet Kunsilli ġodda bħala osservaturi. Il-President ippropona li dawn ikunu mistiedna. Il-membri issekondaw u qablu unanimament.

CCTV system – issa kważi kull Kunsill imqabbad mal-internet u l-Kunsilli qed jitkellmu direttament mal-LESA fuq l-infurzar.

AED system. Dawn waslu l-uffiċċju, u ser issir laqgħa u preżentazzjoni tagħhom.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 141 kienet preżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Peter Sant Manduca issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 29 ta’ Settembru 2021, fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

______________________ ______________________

Anton Mifsud — George Abdilla
President — Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum 29 ta’ Settembru 2021.